

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1823

tat-8 ta' Awwissu 2019

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex id-D-fruttożju
ikun inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tiegħu**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Is-sustanza attiva d-D-fruttożju, sa fejn din tikkostitwixxi ikel jew għalf maħsuba għall-użu bħala ikel jew għalf li jintużaw bħala sustanzi li jbiegħdu (repellents) u dawk li jattiraw (attractants) tat-tip ta' prodott 19, li tista' tibbenifika mid-deroga għall-ikel u għall-għalf prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 (²).
- (2) Ġiet ippreżentata notifika skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 (³) għad-D-Fruttożju għall-prodott tat-tip 19 li jibbenifika mid-deroga għall-ikel u għall-għalf. L-Āgenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Āgenzija") iddkikjarat li n-notifika hija konformi u infurmat lill-Kummissjoni dwar il-konformità skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament. Għaldaqstant, id-D-fruttożju ġie inkluż għat-tip ta' prodott 19 fil-lista ta' tahlitet ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti inklużi fil-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi eżistenti li jinsabu fil-prodotti bijoċidali (⁴).
- (3) Fil-31 ta' Jannar 2017 il-Kummissjoni talbet lill-Āgenzija għal opinjoni dwar jekk id-D-fruttożju jagħtix lok għal-tħassib skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-opinjoni tal-Āgenzija (⁵) kkonkludiet li d-D-fruttożju ma jagħtix lok għal-tħassib u għalhekk huwa eliġibbli għall-inklużjoni fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(¹) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3).

(³) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmajn fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/157 tas-6 ta' Novembru 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmajn fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 1).

(⁵) Biocidal Products Committee (BPC) Opinion of 14 December 2017 on the eligibility of certain food and feed active substances for inclusion into Annex I to the BPR. [Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC) tal-14 ta' Diċembru 2017 dwar l-elgħoddha ta' ċerti sustanzi attivi fl-ikel u fl-għalf għall-inklużjoni fl-Anness I tal-BPR], ECHA/BPC/186/2017.

- (4) Filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Aġenzija, huwa xieraq li d-D-fruttożju jiġi inkluż fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Peress li d-D-fruttożju huwa ta' oriġini naturali, jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kategorija 4 "Sustanzi ta' oriġini naturali użati tradizzjonalment". Jenħtieġ li d-D-fruttożju jiġi inkluż f'dak l-Anness biss sakemm jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "ikel" jew "għalf" imsemmija fil-punt (u) tal-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament. Dan huwa konsistenti mal-fatt li d-D-fruttożju ma bbenefikax mid-deroga għall-ikel u għall-għalf prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007 sakemm ma kienx jikkonsisti minn ikel jew minn għalf.
- (5) L-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 fihi miżuri tranżizzjoni fejn sustanza attiva eżistenti inkluża fil-programm ta' ħidma għall-eżami sistematiku ta' sustanzi attivi eżistenti tīgħi approvata f'konformità ma' dak ir-Regolament. Fir-rigward tad-D-fruttożju għall-prodotti tat-tip 19, id-data tal-approvazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li tīgħi stabbilita bħala dik tal-1 ta' Ġunju 2021, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien bix l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jitressqu f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 89(3) ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, id-data tal-approvazzjoni tad-D-fruttożju għall-prodotti tat-tip 19 hija l-1 ta' Ġunju 2021.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2019.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER*

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fil-Kategorija 4 tal-lista tas-sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 25(a), tiżdied l-entrata li ġejja:

Numru KE	Isem/Grupp	Restrizzjoni	Kumment
“200-333-3	D-fruttożju (*)	Minbarra d-D-fruttożju li mhuwiex ikel jew għalf.	Nru CAS 57-48-7

(*) Id-data tal-approvazzjoni tad-D-fruttożju għall-prodotti tat-tip 19 għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) hija l-1 ta' Ġunju 2021.”.